VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 333 tal-2012

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA
(KAP. 499)
Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Sorveljar u Ħtieġa li jsiru Rapporti fit-Traffiku ta' Bastimenti, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 499.34.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fid-19 ta' Mejju, 2012.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li:

(i) skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/59/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju, 2002, kif sussegwentement emendata bid-Direttiva 2009/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April, 2009 u d-Direttiva 2011/15/UE tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Frar, 2011, tiġi stabbilita sistema Komunitarja ta' sorveljar u informazzjoni bl-iskop li togħla s-sigurtà u l-effiċjenza tat-traffiku marittimu, jiġi mtejjeb ir-rispons f'każ ta' inċidenti, aċċidenti jew sitwazzjonijiet potenzjalment perikoluż fuq il-baħar, inklużi operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, u li tikkontribwixxi għall-prevenzjoni u kxif aħjar ta' tniġġis mill-bastimenti; u

(ii) jagħmlu traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru tal-2010 dwar il-formalitajiet ta' rappurtar għal bastimenti li jaslu fi u, jew jitilqu minn

VERŻJONI ELETTRONIKA

portijiet tal-Istati Membri u li tħassar id-Direttiva 2002/6/KE.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "disgrazzja" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "formoli FAL" tfisser il-formoli standardizzati, kif hemm provut fil-Konvenzjoni FAL;

"formalitajiet ta' rappurtar" tfisser it-tagħrif stabbilit fir-regolament 18, li għandu jiġi pprovdut għal finijiet amministrattivi u proċedurali meta vapur jasal fi jew jitlaq minn port ġewwa Malta;";

(b) minnufih wara t-tifsira "interessi konnessi" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

""Konvenzjoni FAL" tfisser il-Konvenzjoni tal-IMO dwar il-Faċilitazzjoni tat-Traffiku Marittimu Internazzjonali, adottata fid-9 ta' April 1965, kif emendata;"; u

(c) minnufih wara t-tifsira "servizz dwar it-traffiku ta' bastimenti" għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "trażmissjoni elettronika tad-data" tfisser il-proċess li bih jiġi trażmess tagħrif b'mod diġitali, bl-użu ta' format strutturat li jista' jiġi rivedut u li jista' jintuża direttament għall-ħżin u l-ipproċessar bil-kompjuters;".

Jissostitwixxi r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:.

"Sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima, trażmissjoni elettronika u skambju ta' data.

18. (1) Sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima għandha titwaqqaf sabiex tipproċessa l-informazzjoni msemmija f'dawn ir-regolamenti u fid-Direttivi msemmijin fir-regolament 2, kif emendati.

(2) Din is-sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima għandha taħdem bħala *single window*. It-twettiq ta' formalitajiet ta' rappurtar f'format elettroniku u t-trażmissjoni tagħhom permezz ta' din is-*single window* għandu jibqa' jseħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju, 2015.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Din is-*single window* għandha tkun il-post fejn it-tagħrif kollu jiġi rrappurtat darba u jsir disponibbli għad-diversi awtoritajiet nazzjonali.

(4) Bla ħsara għall-format relevanti stabbilit fil-Konvenzjoni FAL, il-format elettroniku għandu jkun skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament:

Iżda l-formoli FAL għandhom jiġu aċċettati għat-twettiq tal-formalitajiet ta' rappurtar;

Iżda wkoll il-kategorija ta' formalitajiet ta' rappurtar tinkludi l-informazzjoni li għandha tiġi provduta skont il-Konvenzjoni FAL u strumenti legali internazzjonali oħra u l-formuli applikabbli huma:

(i) Formula FAL Nru 1: Dikjarazzjoni Ġenerali;

(ii) Formula FAL Nru 2: Dikjarazzjoni tal-Merkanzija;

(iii) Formula FAL Nru 3: Dikjarazzjoni tal-Ħażniet tal-Bastiment;

(iv) Formula FAL Nru 4: Dikjarazzjoni tal-Effetti Personali tal-Ekwipaġġ;

(v) Formula FAL Nru 5: Lista tal-Ekwipaġġ;

(vi) Formula FAL Nru 6: Lista tal-Passiġġieri;

(vii) Formula FAL Nru 7: Merkanzija Perikoluża; u

(viii) Dikjarazzjoni Marittima tas-Saħħa;

Iżda wkoll, bastimenti li jaqgħu fl-iskop ta' dawn ir-regolamenti u li joperaw bejn portijiet fit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea, iżda mingħajr ma jkunu ġejjin minn, mingħajr ma jieqfu fi jew ikunu diretti lejn port li jinsab barra minn dak it-territorju jew żona libera li tkun soġġetta għall-modalitajiet ta' kontroll tal-tip I taħt leġiżlazzjoni doganali, ikunu eżentati mit-trażmissjoni tal-informazzjoni tal-formoli FAL imniżżla taħt dawn ir-regolamenti, mingħajr preġudizzju għall-atti legali applikabbli tal-Unjoni Ewropea u għall-possibbiltà li Stat Membru jista' jitlob l-informazzjoni li tinsab fil-formoli FAL imsemmija li tkun meħtieġa biex jiġu protetti l-ordni u s-sigurtà interni u biex jiġu infurzati l-liġijiet tad-dwana, fiskali, tal-immigrazzjoni, ambjentali jew tas-sanità;

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda wkoll l-informazzjoni meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet ta' kull att legali tal-Unjoni Ewropea u kull liġi nazzjonali li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien għandha tiġi provduta f'format kartaċju sal-1 ta' Ġunju, 2015.

(5) Fejn il-formalitajiet ta' rappurtar huma meħtieġa skont att legali tal-Unjoni Ewropea u kull liġi applikabbli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u sa fejn ikun meħtieġ għall-funzjonament tajjeb tas-*single window*, is-sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima għandha tkun kompatibbli, tista' tkun konnessa u interoperabbli mas-sistema tas-SafeSeaNet adottata mill-Kummissjoni u, fejn applikabbli u b'kooperazzjoni u kollaborazzjoni minn u mal-awtoritajiet nazzjonali relevanti, mas-sistemi tal-kompjuter imsemmija fid-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar, 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ.

(6) L-Awtorità għandha tikkoopera ma' awtoritajiet kompetenti oħra ta' Stati Membri oħra sabiex jiżguraw l-interkonnessjoni u l-interoperabilità tas-sistemi rispettivi tagħhom u sabiex jiżviluppaw u jaġġornaw is-SafeSeaNet.

(7) Is-sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima għandha:

(a) tiżgura li l-iskambju ta' informazzjoni jsir b'mod elettroniku u tippermetti li l-messaġġi avżati skont ir-regolament 6(6) jiġu riċevuti u pproċessati;

(b) tippermetti li l-informazzjoni tintbagħat 24 siegħa kuljum; u

(ċ) meta tiġi hekk mitluba, permezz tas-SafeSeaNet, u jekk ikun meħtieġ għall-finijiet tas-sigurtà jew sikurezza marittima jew għall-protezzjoni tal-ambjent marittimu, tkun tista' tibgħat informazzjoni, mingħajr dewmien, dwar il-bastiment u dwar il-merkanzija abbord li tkun perikoluża jew qiegħda tniġġes, lill-awtoritajiet nazzjonali u lokali kompetenti ta' Stat Membru ieħor.

(8) Barra minn hekk, għandu jkun żgurat li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) l-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-formalitajiet ta' rappurtar li jinsabu f'kull att legali tal-Unjoni u kull liġi applikabbli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien issir disponibbli fis-sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima u għandha tagħmel il-partijiet rilevanti ta' din l-informazzjoni disponibbli lil Stati Membri oħra permezz ta' din is-sistema:

Iżda, jekk ikun stipulat mod ieħor b'dawn ir-regolamenti jew xi leġiżlazzjoni oħra, dan m'għandux japplika għal tagħrif riċevut skont ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92, ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li għandu dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva (KEE) Nru 2913/92 tal-Kunsill, ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 u r-Regolament (KE) Nru 450/2008; u

(b) l-informazzjoni riċevuta permezz tas-sistema ta' maniġġar ta' informazzjoni marittima tkun aċċessibbli, meta tintalab, għall-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

(9) Għal finijiet ta' dan ir-regolament, "att legali tal-Unjoni Ewropea" tfisser:

(a) id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju, 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar traffiku tal-bastimenti fil-Komunità, kif trasposta b'dawn ir-regolamenti u bir-Regolamenti dwar Bastimenti ta' Tagħbijiet Perikoluż, Terminals u Faċilitajiet Marittimi u *Bunkering*;

L.S. 499.12.

(b) ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu, 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri;

(ċ) id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru, 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija, kif trasposta bir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn Jintlaqa' Skart Iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija;

L.S.499.30.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu, 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet, kif traspost bir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Portijiet; u

L.S. 499.35.

(e) ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru, 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju u r-Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April, 2008 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (Kodiċi Doganali Modernizzat).".

Jissostitwixxi r-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolament 19 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Informazzjoni.

19. Skont kull att legali tal-Unjoni Ewropea u kull liġi applikabbli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien, għandu jiġi żgurat li:

(a) il-miżuri kollha meħtieġa huma adottati sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjali u informazzjoni oħra mibgħuta lilha b'konformità ma' dawn ir-regolamenti;

(b) tittieħed l-attenzjoni neċessarja li l-informazzjoni kummerċjali miġbura skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun protetta;

(ċ) il-konformità mal-ħtiġijiet ta' kull att legali tal-Unjoni Ewropea u kull liġi fis-seħħ minn żmien għall-żmien li jirregolaw il-protezzjoni tad-data personali tiġi mħarsa f'kull ħin; u

(d) informazzjoni bħal dik għandha tintuża filwaqt li tħares dawn ir-regolamenti.".